**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru: 272/2014 MLF**

**Louis Borg u martu Rita Borg**

**vs**

**Patrick Massa**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' l-atturi li permezz tieghu talbu li din il-Qorti prevja (1) dikjarazzjoni li l-konvenut ikkommetta qerq u/jew mizapproprjazzjoni ghad-dannu taghhom meta fil-vesti tieghu ta' rapprezentant ta' ditta li tipprovdi servizzi ta' investiment, gabar minghand l-atturi flus kontanti kif ukoll ottjena u sarraf abbuzivament cekk jew cekkijiet indirizzati lill-atturi f'ammont superjuri ghal dak miftiehem ghall-iskopijiet ta' l-investiment; u (2) tillikwida tali danni u/jew flejjes mizapproprjati fl-ammont ta' tmint elef u seba' Ewro u disgha u erbghin centezmu (€8,007.49) jew somma verjuri; u (3) tordna lill-konvenut jirrifondihom lura s-somma ta' tmint elef u seba' Ewro u disgha u erbghin centezmu (€8,007.49) jew somma verjuri, bl-imghax u bl-ispejjez legali inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Lulju 2014.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

    i. Illi t-talbiet attrici huma preskritti u dana ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

    ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat ma kkommetta l-ebda qerq u / jew mizapproprjazzjoni ghad-dannu tar-rikorrenti.

    iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat dejjem agixxa skond l-istruzzjonijiet moghtija mill-istess atturi.

    iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti fil-vesti tieghu ta’ rapprezentant ta’ ditta fuq struzzjonijiet ta’ l-atturi investa l-fondi li ghaddewlu l-istess atturi u dejjem ghadda lilhom (lill-atturi) kwalunkwe rikavat relattiv ghall-istess investiment u dana kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Rat illi fis-seduta tat-28 ta’ Jannar 2015, din il-Qorti ordnat li l-provi ghandhom jigu limitati ghall-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut u li ssir l-inverzjoni tal-provi ghall-fini ta’ din l-eccezzjoni.[1]

4. Semghet ix-xhieda, u rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

5. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri taghhom, limitatament dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

---

[1] Ara fol 9 tal-process.

i. F'Lulju tas-sena 2009, l-attur kien gie ikkuntatjat permezz tat-telefon minn rapprezentant tas-socjeta' All Invest Company Limited li kellmitu dwar prodotti ta' investimenti li din is-socjeta' kienet toffri. Wara li l-attur wera ix-xewqa li jinghata aktar dettall dwar dawn il-prodotti, il-konvenut li dak iz-zmien kien jahdem bhala *financial advisor* mas-socjeta' All Invest Company Limited kien mar jiltaqa' mal-atturi fid-dar taghhom.[2]

ii. Ftit granet wara din il-laqgha, l-atturi iddecidew li jinvestu kif suggerit lilhom mill-konvenut. Madankollu qabel ma setghu jipprocedu b'dawn l-investimenti, l-atturi kienu jehtiegu li jbieghu investimenti ohra li kellhom dak iz-zmien. Ghal dan l-iskop, l-atturi kienu ghaddew lill-konvenut parti mill-ammont fi flus kontanti, parti ohra billi ggiraw *cheque* mahrug fuq isem Louis Borg minn Valletta Fund Management Ltd fis-somma ta' €14,705.20,[3] u parti ohra billi taw struzzjonijiet lill-konvenut sabiex ibiegh investiment li kellhom dak iz-zmien u cioe' *7.8% Malta Government Stock 2012*.

iii. F'dan ir-rigward jirrizulta kunflitt bejn il-verzjonijiet tal-partijiet, ghaliex filwaqt li l-attur jinsisti li l-istruzzjonijiet tieghu kienu limitati biss ghal bejgh ta' investiment wiehed, il-konvenunt isostni li l-istruzzjonijiet moghtija kienu jinkludu il-bejgh tat-tieni investiment ukoll u cioe' *7.8% Malta Government Stock 2018.* Minkejja dan il-kunflitt, mill-provi jirrizulta li dawn iz-zewg investimenti gew mibjugha u hallew rikavat fis-somma ta' ta' €3,986.90[4] u €5,815.39[5] rispettivament.

iv. Sussegwentement, fid-19 t'Awwissu tas-sena 2009 il-konvenut ipproceda f'isem l-atturi bl-investiment tat-tip *Arm Assured Income Plan – 7 YR* fis-somma ta' €14,000 u iehor tat-tip *Arm Capital Growth Bond – 7 YR* fis-somma ta' €15,000.[6] Fil-bidu l-investimenti kienu sejrin tajjeb u kull tlett xhur l-atturi bdew jiricievu l-imghaxijiet fuq dawn l-investimenti.[7]

---

[2] Ara l-affidavit tal-attur a fol. 48 tal-process.
[3] Ara Dok F a fol. 66 tal-process.
[4] Ara fol. 29 u 30 tal-process.
[5] Ara fol. 31 sa 33 tal-process.
[6] Ara Dok PM1 u Dok PM2 rispettivament a fol 22 u fol 36 tal-process.
[7] Ara Dok C1 sa Dok C7 a fol. 57 sa 63 tal-process.

v. L-attur isostni li f'Gunju tas-sena 2012, il-konvenut kien infurmah li dawn l-investimenti kienu gew iffrizati. Jispjega li minn hemmhekk huwa kien ghamel ilment mal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u li meta kien qieghed jipprepara d-dokumentazzjoni sabiex jghaddiha lill-avukat tieghu, huwa kien intebah li ghalkemm lill-konvenut kien tah struzzjonijiet biex ibiegh l-*istock* tal-Gvern li kellu jimmatura fis-sena 2012, il-konvenut kien ad insaputa tieghu biegh ukoll l-*istock* tal-Gvern li kellu jimmatura fis-sena 2018. L-attur jallega li l-konvenut kien iffalsifika l-firem tieghu u ta' martu fuq cekkijiet li kienu ndirizzati lilhom li kienu nhargu minn Charts Limited u li ghalhekk l-ammont totali ta' flus li kien ha minghandhom il-konvenut kien ferm akbar mill-ammont li kien gie investit ghan-nom taghhom.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar l-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni**

7. Din is-sentenza hija wahda parzjali dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. B'din l-ewwel eccezzjoni tieghu, l-konvenut isostni illi t-talbiet tal-atturi huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, liema artikolu jaqra hekk:

   "*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn."*

8. Min-naha l-ohra, l-atturi qieghdin jissottomettu li dan it-terminu preskrittiv mhux applikabbli fil-kaz odjern, stante li huma qeghdin jitolbu sabiex il-konvenut jigi ordnat jirrifondihom somma allegatament imhallsa minnhom, u dan ghab-bazi tal-premessa li l-atturi jallegaw illi l-konvenut huwa responsabbli ghal qerq u/jew misapproprijazzjoni ta' tali somma. Ghaldaqstant, huma jissottomettu d-danni li huma soffrew gew ikkagunati b'reat/i.

9. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Micallef noe vs Carmelo Cassar** moghtija fis-27 ta' April 1953, il-Qorti tal-Appell spjegat illi:

---

[8] Ara l-affidavit tal-attur a fol. 48 tal-process.

"*Hu cert li, ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, il-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet kwalitajiet ta' danni: dawk li jigu minn reati veri u proprji, ossija minn fatti punibbli kriminalment, f'liema kaz il-preskrizzjoni civili hija dik ta' l-azzjoni kriminali; dawk li jigu minn fatti li ma humiex reati, izda ma humiex lanqas inadempjenza kuntrattwali, cjoe dawk derivanti minn kolpa akwiljana, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn, u fl-ahhar nett dawk li jidderivaw minn inadempjenza kontrattwali, f'liema kaz hija applikabbli l-preskrizzjoni tal-istess obbligazzjoni.*"

10. Il-konvenut jissottometti li mill-provi kollha prodotti ma jirrizultax li l-allegati danni gew kagunati minn reat, u ladarba dawn l-allegati danni ma gewx kagunati minn reat, it-terminu preskrittiv huwa ta' sentejn. Ghalhekk il-Qorti tifhem, li skond il-konvenut, din il-Qorti ghandha tiddeciedi f'dan l-istadju, a bazi tal-provi prodotti quddiemha, jekk jissussistix xi reat kriminali.

11. Kwistjoni simili giet deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Mary Ann Borg nomine vs Korporazzjoni Enemalta et** deciza fil-31 ta' Jannar 2014. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"8. Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili*[9] *li huma indipendenti minn xulxin, u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisidzzjoni kriminali ma humiex konklużivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili.*[10] *Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru ta' prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kull prova ammissibbli oħra,*[11] *iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali.*

*9. Jekk l-azzjoni ċivili tintlaqatx bl-art. 2153 jew mill-art. 2154 ma jiddependix minn jekk il-konvenut instabx ħati tar-reat, iżda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le. Naturalment, jekk eventwalment jinstab – mill-qorti ċivili u*

[9] *Art. 3, Kod. Krim.*
[10] *Ara Carmelo Micallef St John et v. Richard Spiteri et, App. Ċiv. 15 ta' Jannar 2002.*
[11] *Ara Maria Debono et v. Michelina Apap et, App. Ċiv. 29 ta' Novembru 2013.*

*sal-grad ta' prova li trid il-liġi ċivili – illi l-fatt ma seħħx, l-azzjoni tfalli mhux minħabba l-preskrizzjoni iżda għax il-premessa tal-azzjoni ma ġietx provata. Iżda ma tistax aprioristikament u bla ma tqis il-provi fid-dawl tal-oneru tal-prova li trid il-liġi ċivili tgħid illi, għax il-qorti ta' ġurisidzzjoni kriminali ma sabitx ħtija ta' reat, dan ipso iure jwassal għall-konklużjoni li l-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ ma hijiex dik taħt l-art. 2154.*

*10. Fil-każ tallum l-attur essenzjalment qiegħed igħid illi l-għemil tal-konvenuti huwa dak ta' "min b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd", li huwa r-reat kriminali ta' omiċidju involontarju kif definit taħt l-art. 225 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa biżżejjed biex għall-każ ikun igħodd l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk imbagħad ma jinstabx li l-konvenuti, jew xi ħadd minnhom, huwa ħati ta' dak in-nuqqas, dan, kif ġà ngħad, iwassal biex l-azzjoni taqa' minħabba nuqqas ta' prova tal-premessa tagħha, u mhux minħabba preskrizzjoni taħt l-art. 2153. … …*

*12. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili kellha tiġi miċħuda."*[12]

12. Fil-kaz odjern, huwa evidenti kemm mill-premessi tal-att promotur u kif ukoll mix-xhieda tal-attur, illi l-azzjoni attrici ma hijiex mibnija fuq il-*culpa aquiliana*, izda hija talba ghal rifuzjoni ta' somma imhallsa mill-atturi u ibbazata fuq l-allegazzjoni li l-konvenut ikkommetta qerq u/jew misapproprjazzjoni fil-konfront taghhom. Ghaldaqstant l-atturi qeghdin jallegaw li l-konvenut ikkommetta ghad-detriment taghhom reati punibbli taht il-Kodici Kriminali. Ladarba il-fatti allegati mill-atturi jikkostitwixxu reati – bla ħsara, naturalment, għall-kwistjoni jekk dawn il-fatti seħħewx jew le – dan ifisser illi l-azzjoni għad-danni ġejjin minn dawk il-fatti tkun azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat ikkaġunati b'reat/i, u għalhekk ma tintlaqatx bil-preskrizzjoni kontemplata taħt l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Konsegwentement, din l-ewwel eccezjoni tal-preskrizzjoni ma tistghax tigi milqugha.

[12] Ara wkoll fl-istess sens **Anton Camilleri et vs Saviour Mangion et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru 2020.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**